PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Agrikoltura u Sajd

Sigurtà tal-Ikel bl-għelieqi u l-baħar li jdawwarna

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Sigurtà tal-Ikel bl-għelieqi u l-baħar li jdawwarna

Agrikoltura u Sajd

Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg isostni l-ħidma tal-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda b'kull mod possibbli. Dawn il-ħaddiema li għandhom xogħol ta' tbatija huma strumentali biex jibqa' jkollna prodott Malti ġenwin, li bħala kosumaturi nsibuh fis-suq u fl-istess waqt bil-ħidma tagħhom iħarsu l-ambjent.

Irridu Malta aktar preparata, fejn is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma jitqiesu bħala pilastri tas-sigurtà nazzjonali. Dan ifisser appoġġ konkret lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda, biex ikollhom dħul li jirrifletti l-ħidma li jagħmlu, aċċess għall-art, teknoloġija moderna, taħriġ, infrastruttura aħjar u swieq aktar b'saħħithom għall-prodott Malti kemm Malta kif ukoll barra.

Pjan ta' Azzjoni

# Settur li jirrendi għall-bdiewa, raħħala u sajjieda

Id-direzzjoni u l-ħidma ta' Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista għandha skopjiet ċari: reżiljenza inkluż fis-setturi agrikoltura u sajd biex Malta tkun aktar preparata quddiem xokkijiet globali, tibdil fil-klima, pressjonijiet fuq ir-riżorsi u interruzzjonijiet fil-provvista. Is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma inqisuhom bħala prijorità nazzjonali u pilastru tal-kwalità tal-ħajja.

Din il-ħidma tibda b'appoġġ konkret lill-produttur Malti. Irridu settur primarju li jkun vijabbli ekonomikament u li fl-istess ħin iħares il-pajsaġġ, il-ħamrija, il-baħar u l-identità rurali u kostali tagħna.

Fil-qalba ta' dan il-pjan npoġġu l-ilma. Nespandu l-użu tan-New Water, insaħħu l-ħażna u l-ħsad tal-ilma tax-xita, ninvestu f'irrigazzjoni u nnaqqsu l-ħela permezz ta' infrastruttura u teknoloġija aħjar. F'pajjiż b'art limitata u nieqes mir-riżorsi naturali, kull qatra trid tintuża b'għaqal.

Nibnu wkoll katina tal-ikel aktar ġusta, trasparenti u viċin il-konsumatur. Nagħtu aktar valur lill-prodott Malti, intejbu t-traċċabbiltà, u nżidu l-fiduċja tal-konsumatur.

Proposti Ewlenin

01

# Traħħis fil-kontijiet tad-dawl għas-settur agrikolu u għar-raħħala

Il-bdiewa u r-raħħala se jgawdu minn roħs fil-kontijiet tad-dawl. Bis-saħħa ta' dan it-tnaqqis li se jgawdu l-bdiewa, l-ewwel 10,000 unit agrikolu jkunu bl-orħos rata, u se titneħħa għalkollox il-kirja tal-arloġġ mill-kontijiet agrikoli.

| Kont agrikolu | Roħs annwali bit-tneħħija tal-kera tal-meter |
|---|---|
| Single phase | €120 |
| Three phase 40A | €240 |
| Three phase 60A jew aktar | €360 |

Dan ir-roħs bit-tnaqqis fir-rati u bit-tneħħija tal-kera tal-meter hu spjegat fid-dettal fil-kapitlu tal-enerġija ta' dan il-programm elettorali.

02

# Għajnuna lis-sajjieda

Is-sajjieda se jgawdu minn skemi apposta ta' fondi biex jimmodernizzaw l-opra tal-baħar tagħhom. Fl-istess waqt se ntejbu l-faċilitajiet fil-portijiet biex tiżdied l-effiċjenza u s-sigurta' għas-sajjieda.



# Dħul ġust għall-bdiewa u katina tal-ikel b'saħħitha

## 3. Qafas nazzjonali għal prezz ġust lill-produttur

Nistabbilixxu mekkaniżmu nazzjonali li jkejjel l-ispiża reali tal-produzzjoni għal prodotti strateġiċi u joħroġ kejl indikattiv ta' prezz ġust. Fi żmien sentejn, dan għandu jintuża fil-kuntratti, fl-akkwist pubbliku u fin-negozjati mal-koperattivi biex il-bidwi ma jbigħx b' inqas mill-ammont tal-ispiża.

## 4. Kuntratti miktuba obbligatorji għall-prodotti ewlenin

Niżguraw li l-kuntratti bejn il-produtturi, min jipproċessa l-ikel u x-xerrejja ewlenin ikunu obbligatorji, ċari u bil-quddiem, fir-rigward tal-ħalib, il-laħam, il-ħaxix u l-frott. Il-kuntratti jridu jinkludu formola trasparenti dwar il-prezz, il-kwalità, il-volumi, il-ħlas u r-reviżjoni meta jinbidlu l-ispejjeż tal-inputs.

## 5. Osservatorju Malti tal-Katina tal-Ikel

Noħolqu Osservatorju li jippubblika data regolari fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fil-katina tal-ikel. Fi żmien tliet snin, il-bdiewa u l-konsumaturi jkollhom stampa aktar ċara dwar fejn qed jinħoloq il-valur, u l-Gvern ikun jista' jintervjeni kontra prattiċi inġusti b'mod li jkun ibbażat fuq l-evidenza.

## 6. Aktar saħħa lill-koperattivi u lill-għaqdiet tal-produtturi

Nagħtu inċentivi fiskali u amministrattivi biex aktar bdiewa u sajjieda jingħaqdu f'koperattivi moderni. Il-koperattivi jingħataw appoġġ legali, diġitali u kummerċjali biex jinnegozjaw aħjar, inaqqsu l-ispejjeż u jtejbu l-poter tagħhom fis-suq.

## 7. Procurement pubbliku favur il-prodott Malti ta' kwalità

Fil-canteens pubbliċi, l-isptarijiet, l-iskejjel u d-djar tal-anzjani nippromwovu x-xiri tal-prodotti lokali meta dan ikun possibbli u skont ir-regoli. Nżidu sostanzjalment il-preżenza tal-ikel Malti frisk u staġunali fil-menù pubbliku.

## 8. Tikketta waħda "Prodott Malti Verifikat"

Nintroduċu skema waħda ta' tikkettar u verifika tal-oriġini, bil-kontrolli meħtieġa u standards tal-kwalità. Il-konsumatur ikun jista' jagħraf biċ-ċar x'inhu prodott, imkabbar jew ipproċessat Malta u x'inhu importat, b'aktar fiduċja fis-suq.

## 9. Laboratorju ta' traċċabbiltà xjentifika

Ninvestu fi sħubija mal-Università ta' Malta biex nibnu sistema ta' "fingerprinting" isotopiku għall-ħalib, il-ġobon, il-laħam u l-għalf. Malta jkollha għodda xjentifika biex tipproteġi l-awtentiċità tal-prodott tagħha u tnaqqas il-frodi fil-katina tal-ikel.

## 10. Kampanja nazzjonali "Ixtri l-Malti, Kul Aħjar"

Inniedu kampanja permanenti ta' edukazzjoni u promozzjoni tal-prodott lokali, marbuta mal-istaġunalità, in-nutrizzjoni u l-appoġġ lill-komunitajiet rurali. Il-mira hi li nżidu d-domanda għall-prodott Malti ċċertifikat u nnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni fejn nistgħu.

# Tiġdid ġenerazzjonali u art għall-biedja

## 11. “Starter Pack” għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda

Noħolqu pakkett wieħed għall-bdiewa taħt l-40 sena u għal min jidħol ġdid fis-settur li jkun jinkludi: għajnuna għall-bidu, self b’rata vantaġġuża, mentorship u assistenza teknika. Sa tmiem il-leġiżlatura, il-mira hi li nkabbru b’mod tanġibbli n-numru ta’ bdiewa żgħażagħ attivi f’Malta u Għawdex.

## 12. Bank nazzjonali tal-art agrikola

Ir-reġistru u l-bank tal-art diġà stabbiliti biex jidentifikaw l-art agrikola abbandunata jew mhux użata biżżejjed u li jiffaċilita t-trasferiment tagħha lejn bdiewa ġenwini jibdew ikunu operattivi u effettivi. Dan irid jibda jiffunzjona b’regoli ċari, trasparenti u bi preferenza lill-bdiewa żgħażagħ u attivi.

## 13. Art tal-Gvern lill-bidwi ġenwin

Nagħmlu reviżjoni tal-użu tal-art agrikola tal-Gvern biex din tingħata prijorità lil min tassew jipproduċi. Kull allokazzjoni ġdida trid tkun ibbażata fuq kriterji ta’ attività reali, investiment, produzzjoni, mhux fuq spekulazzjoni jew passatemp.

## 14. Skema ta’ suċċessjoni u rtirar dinjituż

Nintroduċu skema li tgħin lill-bdiewa kbar fl-età jgħaddu l-operat lil ġenerazzjoni ġdida mingħajr ma jitkissru l-għelieqi jew jintilef l-għarfien. Il-pakkett ikun ikopri pariri legali, fiskali u finanzjarji, kif ukoll inċentivi għal trasferiment ordnat tal-azjenda.

## 15. Reġistru modern tal-kirjiet u l-użu agrikolu

Naġġornaw b’mod diġitali d-data dwar il-kirjiet, l-użu, it-trasferimenti u l-istatus tal-art agrikola. Ikollna sistema aktar ċara li tgħin fit-tfassil tal-politika, tnaqqas il-kunflitti u tħares il-valur agrikolu tar-raba’ kontra pressjonijiet oħra fuq l-art.

## 16. Servizz ta’ medjazzjoni fuq l-art agrikola

Noħolqu servizz ta’ medjazzjoni bejn is-sidien, il-kerrejja u l-bdiewa biex kwalunkwe tilwim dwar l-art agrikola jissolva malajr u bl-inqas spejjeż. Il-mira hi li tonqos l-inċertezza legali li taqta’ qalb il-bdiewa u għalhekk tagħmilha aktar diffiċli biex isir investiment fit-tul.

## 17. Ċentru tal-ħiliet, agritech u taħriġ kontinwu

Nibnu ċentru ta' Extension service u t-taħriġ modern għall-bdiewa u r-raħħala, b’korsijiet fuq l-immaniġġjar, il-benesseri, l-irrigazzjoni, id-data, il-ġenetika u l-valur miżjud. Il-mira hi li fi tliet snin ikollna sistema regolari ta' taħriġ u aġġornament professjonali għall-bdiewa u r-raħħala ta’ kull età.

# Sigurtà tal-ilma

## 18. Estensjoni aċċellerata tan-network tan-New Water

Nifirxu n-network tan-New Water lejn iżjed żoni agrikoli bi pjan pubbliku ċar u b'fażijiet. Il-mira hi li sa tmiem il-leġiżlatura l-akbar konċentrazzjonijiet tal-biedja produttiva jkollhom aċċess affidabbli għal ilma alternattiv u ta' kwalità xierqa għat-tisqija.

## 19. Ilma proviżorju bla ħlas fejn in-network ikun għadu ma wasalx

Fejn in-New Water għadu ma wasalx, nintroduċu skema temporanja ta' provvista bil-bawżers għall-bdiewa attivi u kommessi f'każijiet ta' bżonn serju. Din tkun marbuta ma' verifika u pjan ta' tranżizzjoni biex il-produzzjoni ma tintilifx qabel titlesta l-infrastruttura meħtieġa.

## 20. Masterplan tal-irrigazzjoni preċiża

Noffru grants u assistenza teknika għal miżuri u sperimentazzjoni ta' użu aħjar u iktar għaqli tal-ilma fl-agrikoltura, fost l-oħrajn, drip irrigation, sensers tal-ħamrija, kontrolli diġitali tal-ilma u skedar aħjar tat-tisqija. Fi tliet snin, il-maġġoranza tal-azjendi li jidħlu fl-iskema jnaqqsu b'mod sostanzjali l-ħela tal-ilma mingħajr ma jnaqqsu l-produttività.

## 21. Reviżjoni kredibbli tal-politika tal-boreholes

Nagħmlu reviżjoni sħiħa, legali u xjentifika tal-politika tal-boreholes biex noħorġu mill-paraliżi, inrażżnu l-abbuż u nħarsu l-ilma tal-pjan. Fejn hemm trasferimenti possibbli bejn bdiewa attivi u kommessi, dawn iridu jsiru bil-kontrolli u l-monitoraġġ.

## 22. Ħsad obbligatorju tal-ilma tax-xita u riabilitazzjoni ta' faċilitajiet għall-ħażna

Ngħinu fi proċess tar-rijabilitazzjoni ta' ġibjuni, ċisterni, sistemi tal-ġbir tal-ilma tax-xita, irziezet u kull bini agrikolu ieħor użat minn bdiewa kommessi. Sa nofs il-leġiżlatura, kull investiment appoġġat minn Gvern ġdid Nazzjonalista jkun marbut ma' pjan reali ta' ħsad u użu mill-ġdid tal-ilma tax-xita.

## 23. Inkomplu ninvestu fil-widien u fil-ġibjuni naturali

Inkomplu ninvestu fil-ħarsien tal-widien, nirrestawraw l-ħitan tas-sejjieħ, inżidu l-ħażna naturali u r-recharge tal-ilma biex inżidu ż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ. Din hi miżura ta' reżiljenza kontra n-nixfiet u l-maltempati qawwija, u trid tiġi implimentata b'mod koordinat bejn l-agrikoltura, l-ambjent u l-infrastruttura.

## 24. Użu mill-ġdid tal-ilma f'impjanti u fl-industrija

Noħolqu skemi speċifiċi biex impjanti u industriji varji jnaqqsu d-domanda għall-ilma frisk u jerġgħu jużaw l-ilma riċiklat fejn dan huwa permess. Fi żmien erba' snin, dawn ikunu fost l-ewwel setturi li jadottaw standards serji ta' effiċjenza u ċirkularità tal-ilma.

# Biedja sostenibbli, il-klima u l-bijodiversità

## 25. Pjan għall-ħamrija

Inniedu pjan Nazzjonali għall-protezzjoni tal-ħamrija b'analiżi, monitoraġġ u azzjoni kontra l-erożjoni, il-ħamrija iebsa u t-telf tal-materja organiku. Il-bdiewa li jidħlu fl-iskema jkollhom pariri personalizzati dwar l-azzjonijiet li jkollhom bżonn jieħdu.

## 26. Għajnuna għal applikazzjoni tal-fertilizzanti b'mod aktar intelliġenti u nadif

Ngħinu lill-bdiewa jużaw fertilizzanti u nutrijenti b'mod aktar preċiż, b'aktar użu ta' alternattivi riċiklati meta dawn ikunu sikuri u permessi. Ninċentivaw proġetti li jipproduċu fertilizzanti lokalment biex, filwaqt li nnaqqsu l-ispejjeż tal-importazzjoni u spejjeż oħra relatati, jiġi riċiklat id-demel lokali. Il-mira hi li tul il-leġiżlatura jonqos l-iskart, jitnaqqsu l-ispejjeż u tonqos il-pressjoni fuq l-ilma u l-ħamrija.

## 27. Żieda gradwali fil-biedja organika u agro-ekoloġika

Nagħmlu pjan realistiku biex aktar art tidħol fi prattiċi organiċi jew agro-ekoloġiċi fejn is-suq u l-katina tal-ikel jippermettu. Irridu nżidu l-medda tal-art b'dawn il-prattiċi, flimkien ma' marketing, appoġġ tekniku u xiri pubbliku.

## 28. Pagamenti għal servizzi ekoloġiċi

Nirrikonoxxu lill-bdiewa u r-raħħala bħala kustodji tal-pajsaġġ, tal-ħamrija u tal-bijodiversità permezz ta' kumpensi li jmorru oltre minn dak stabbilit fil-CAP. Dawn il-pagamenti jippremjaw il-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ, prattiċi tajba tal-ħamrija, u t-tnaqqis tal-pressjonijiet ambjentali u t-tisħiħ tal-pajsaġġ Malti.

## 29. Carbon farming u nature credits għall-bidwi Malti

Nibdew proġetti pilota biex il-bdiewa u r-raħħala jkunu jistgħu jibbenefikaw minn skemi ta' carbon farming u nature credits. Sal-ewwel tliet snin ikollna standards sempliċi, appoġġ tekniku u proġetti dimostrattivi li joħolqu dħul ġdid marbut ma' prattiċi pożittivi.

## 30. Enerġija rinnovabbli fl-irziezet u l-binjiet agrikoli

Noffru skemi mmirati għall-panelli solari, il-ħażna tal-enerġija u sistemi effiċjenti fl-irziezet u l-binjiet agrikoli, mingħajr ma nagħmlu ħsara lill-art produttiva. Il-mira hi li tul il-leġiżlatura jonqsu l-ispejjeż tal-enerġija fis-settur u tikber l-awtonomija tal-produttur fuq l-input kritiku.

## 31. Ħarsien u propagazzjoni ta' varjetajiet u razez indiġeni

Ninvestu fil-konservazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-propagazzjoni ta' varjetajiet lokali ta' pjanti u razez rilevanti ta' bhejjem u xtieli lokali, kemm għal reżiljenza klimatika kif ukoll għall-identità agrikola. Fi tliet snin ikollna programm ta' bank ġenetiku, nursery u appoġġ għall-użu kummerċjali sostenibbli.

## 32. Inqas dipendenza fuq il-prodotti importati

Noħolqu pjan biex innaqqsu d-dipendenza fuq l-inputs importati, fosthom fejn jidħlu l-għalf, il-fertilizzanti u l-enerġija, permezz ta' aktar ċirkularità, użu tal-prodotti sekondarji u effiċjenza. Il-mira hi li nsaħħu l-awtonomija strateġika tas-settur u nnaqqsu l-vulnerabbiltà għal xokkijiet esterni.

# Insaħħu l-produzzjoni lokali

## 33. Fond ta' investiment għal tkabbir u modernizzazzjoni tal-irziezet

Insaħħu l-Fond li jgħin lill-irziezet tal-ħalib u setturi oħra jimmodernizzaw ruħhom, itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-annimali u jnaqqsu l-ispejjeż operattivi. L-għajnuna tkun marbuta ma' pjan ta' sostenibbiltà, produttività u standards ta' benesseri, bi prijorità lill-operaturi attivi u kommessi.

## 34. Valorizzazzjoni sħiħa tal-għoġiela maskili lokali

Nappoġġaw unità jew sistema kooperattiva biex l-għoġiela maskili tal-ħalib ma jintilfux iżda jitkabbru għaċ-ċanga lokali. Sa nofs il-leġiżlatura nibnu katina li tuża aktar riżorsi lokali, toħloq valur miżjud u tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni taċ-ċanga.

## 35. Marka "Ċanga Lokali"

Noħolqu marka ċċertifikata ta' ċanga lokali bi standards dwar l-oriġini, il-benesseri u s-sostenibbiltà. Fi tliet snin, din tidħol fil-kummerċ, fil-catering u fil-kuntratti pubbliċi, biex jinħoloq suq affidabbli u jinkiseb prezz aħjar għal min jinvesti fil-produzzjoni lokali.

## 36. Impjant modern għall-ipproċessar u l-ippakkjar tal-laħam

Nappoġġaw aktar investiment f'faċilitajiet moderni tal-qatla, l-ipproċessar u l-ippakkjar bi standards għoljin ta' iġjene u effiċjenza. Il-mira hi li jkollna aktar valur f'Malta, jonqsu l-ispejjeż loġistiċi, filwaqt li l-produtturi lokali jkunu jistgħu jilħqu swieq ġodda bi prodott ippreżentat aħjar.

## 37. Pjan ta' għalf lokali u alternattiv

Ninkoraġġixxu l-produzzjoni ta' għalf lokali u użu aħjar tal-prodotti sekondarji sikuri u tal-għelejjel adattati għall-klima. Fi żmien erba' snin innaqqsu l-piż tar-raħħala għall-ispejjeż tal-importazzjoni u nsaħħu l-ekonomija ċirkolari bejn il-bdiewa u r-raħħala.

## 38. Immaniġġjar modern tad-demel u ċentri agrikoli attrezzati

Nippjanaw żoni jew ċentri agrikoli b'infrastruttura moderna għall-immaniġġjar tad-demel, tal-ilma u tal-enerġija. Il-mira hi li tul il-leġiżlatura jitnaqqsu r-riskji ambjentali, tittejjeb l-iġjene u tinħoloq bażi aħjar għal riċiklaġġ tan-nutrijenti u proġetti tal-enerġija jew tal-fertilizzanti organiċi.

## 39. Servizzi veterinarji aktar magħquda u professjonali

Nagħtu lura direzzjoni ċara lis-servizzi veterinarji, b'aktar koordinazzjoni, taħriġ kontinwu u awtorità professjonali ċentrali. Fi żmien sentejn, innaqqsu l-frammentazzjoni, insaħħu l-prevenzjoni tal-mard u nħarsu aħjar il-benesseri tal-annimali u s-sigurtà tal-katina tal-ikel.

## 40. Pjan ta' emerġenza għall-mard tal-annimali

Naġġornaw u nittestjaw regolarment pjanijiet ta' preparatezza kontra l-mard serju fil-merħliet, b'taħriġ, bijosigurtà u komunikazzjoni ċara mal-operaturi. Dan hu kruċjali biex waqt kriżi ma nitilfux setturi sħaħ tal-produzzjoni u nkunu nistgħu naġixxu malajr ħalli nipproteġu s-saħħa pubblika u l-investiment tal-bdiewa.

# Sajd, akkwakultura u ekonomija blu

## 41. Strateġija ġdida għas-sajd u l-akkwakultura

Infasslu strateġija waħda, maqbula mal-operaturi, ix-xjenzati u l-komunitajiet kostali, b'miri ċari għall-istokk tal-ħut, id-dħul, l-infrastruttura u s-sostenibbiltà. Hekk fi żmien sena tkun inqabdet direzzjoni fit-tul u tieqaf il-politika frammentata li tinbidel minn każ għal każ.

## 42. Prijorità lis-sajjied żgħir u tradizzjonali

Nagħmlu skemi apposta għas-sajjieda żgħar b'aċċess aħjar għal fondi, modernizzazzjoni u swieq.

## 43. Infrastruttura moderna fil-portijiet tas-sajd

Ninvestu f'aktar pilastri tal-ilma u d-dawl, faċilitajiet tas-silġ, postijiet għall-ħażna, spazji tat-tiswija, rampi u żoni għal immaniġġjar nadif tal-qabda. Fi tliet snin, il-portijiet ewlenin tas-sajd ikunu attrezzati aħjar biex tissaħħaħ l-effiċjenza u tiżdied is-sigurtà għall-operaturi.

## 44. Traċċabbiltà diġitali tal-ħut Malti

Noħolqu sistema diġitali aktar simplifikata li tidentifika l-oriġini, il-metodu tas-sajd u l-port tal-ħatt għall-ħut lokali. Fi żmien sentejn, il-konsumatur u r-ristorant ikunu jistgħu jagħrfu l-prodott lokali u sostenibbli, filwaqt li s-sajjied jieħu valur aħjar għall-qabda tiegħu.

## 45. Qafas trasparenti għall-kwoti u l-liċenzji

Nintroduċu aktar trasparenza fit-tqassim tal-kwoti, ir-rinnovar tal-liċenzji u l-kriterji tal-allokazzjoni, b'pubblikazzjoni regolari tal-prinċipji u tad-deċiżjonijiet. B'hekk, fis-settur jiżdied is-sens ta' ġustizzja, jonqsu s-suspetti u tissaħħaħ il-fiduċja bejn il-Gvern u l-operaturi.

## 46. Skema għas-sajjieda żgħażagħ u l-ewwel bastiment

Noħolqu għajnuna mmirata għaż-żgħażagħ li jridu jidħlu fis-settur, inkluż self garantit, taħriġ u appoġġ biex jixtru jew jieħdu bastiment. Il-mira hi li jkollna numru ġdid ta' sajjieda żgħażagħ li jidħlu jew jibqgħu fis-settur b'karriera vijabbli.

## 47. Trasferiment tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet

Norganizzaw programm biex matulu s-sajjieda tal-esperjenza jgħaddu l-għarfien tagħhom lil ġenerazzjoni ġdida. Dan ikollu ċertifikazzjoni u stipendi biex fi żmien tliet snin inkunu żgurajna li ma jintilifx patrimonju sħiħ ta' ħila u identità marittima.

## 48. Akkwakultura bi standards ambjentali ogħla

Inħeġġu l-użu ta' teknoloġiji aktar moderni u nippromwovu d-diversifikazzjoni tal-ispeċi meta fattibbli fl-akkwakultura. Il-mira hi li s-settur ikompli joħloq valur mingħajr ma jixħet piż eċċessiv fuq il-baħar, it-turiżmu jew l-komunitajiet kostali.

## 49. Riċerka u innovazzjoni fil-baħar

Nagħtu spinta lill-Aquatic Resources Malta u lis-sħubijiet mal-universitajiet għal riċerka dwar l-istokk tal-ħut, l-ispeċijiet ġodda, it-teknoloġija offshore u l-mitigazzjoni tal-impatti. Irridu aktar data, aktar innovazzjoni u aktar għodod biex il-politika tas-sajd ma tibqax tkun biss reattiva.

## 50. Riċiklaġġ tax-xbieki u l-irkaptu biex niġġieldu l-ghost fishing

Inwaqqfu sistema nazzjonali ta' ġbir, riċiklaġġ u sostituzzjoni tal-irkaptu qadim jew mitluf, b'inċentivi għas-sajjieda u l-għaddasa li jipparteċipaw. Sa nofs il-leġiżlatura nnaqqsu l-ħsara ekoloġika li jagħmel il-ghost fishing u nsostnu prattika ta' responsabbiltà ambjentali fis-settur, li diġa hi prattikata.

## 51. Diversifikazzjoni tad-dħul għall-komunitajiet tas-sajd

Nagħtu grants għal attività kumplimentari marbuta mas-sajd, biex jiżdiedu t-turiżmu marittimu fuq skala żgħira, l-edukazzjoni dwar il-baħar, ikel lokali u servizzi ambjentali. Dan jgħin lis-sajjieda jsaħħu d-dħul tagħhom u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għal varjazzjonijiet kbar fis-suq jew fil-qabdiet.

# Sigurtà tal-ikel, u ġustizzja mal-konsumatur

## 52. Pjan nazzjonali għas-sigurtà tal-ikel

Noħolqu pjan interministerjali li jidentifika l-prodotti strateġiċi, il-livelli mixtieqa ta' produzzjoni lokali u xenarji ta' kriżi. Fi żmien sena, Malta trid tibda tqis il-produzzjoni tal-ikel bħala materja ta' reżiljenza nazzjonali.

## 53. Miri għal żieda fil-produzzjoni lokali, meta jkun realistiku

Nistabbilixxu miri prattiċi biex tiżdied il-produzzjoni lokali f'setturi fejn Malta tista' tagħmel differenza mingħajr ma toħloq illużjonijiet. Il-mira hi li sa tmiem il-leġiżlatura nkabbru s-sehem lokali tal-prodotti magħżula u nnaqqsu ċerti vulnerabbiltajiet strateġiċi fil-katina tal-ikel. Inżidu l-assistenza lill-bdiewa u lill-koperattivi biex jirnexxilhom isibu posthom aktar fis-supermarkets il-kbar bil-prodotti tagħhom.

## 54. Ikel tajjeb u lokali fil-politika soċjali

Ngħaqqdu l-politika tal-ikel ma' dik soċjali permezz ta' vouchers, swieq lokali u akkwist pubbliku. Hekk nagħmluha aktar faċli għall-familji vulnerabbli li jixtru ikel frisk u nutrittiv. Dan jgħin għas-saħħa pubblika, u fl-istess waqt jgħin lill-bidwi Malti u lis-sajjied lokali.

## 55. Inqas skart tal-ikel mill-Għalqa sal-Platt

Innedu miżuri kontra l-iskart tal-ikel fil-livelli kollha, mill-ħsad, sad-distribuzzjoni, sakemm jaslu għand tal-ħwienet, fir-ristoranti u fi djarna. Fi tliet snin ikollna tnaqqis sinifikanti fl-iskart permezz ta' loġistika aħjar, donazzjonijiet, edukazzjoni u appoġġ lill-ipproċessar tal-prodotti li ma jilħqux standards estetiċi iżda li jkunu tajbin għall-konsum.

## 56. Swieq tal-bdiewa u punti qosra ta' bejgħ dirett

Nespandu, insaħħu u ninvestu fi swieq tal-bdiewa, ċentri lokali u pjattaformi diġitali għall-bejgħ dirett. B'hekk tul il-leġiżlatura aktar produtturi jżommu parti akbar mill-valur finali, il-konsumatur jixtri aktar il-frisk u tonqos il-ħtieġa ta' intermedjazzjoni twila.

## 57. Pjan għal ikel aktar bnin, lokali u staġunali fl-iskejjel

Naġġornaw il-politika tal-ikel fl-iskejjel biex tagħti prijorità lill-kwalità, l-istaġunalità u l-edukazzjoni dwar l-ikel. It-tfal jiġu esposti aktar għall-prodotti lokali u drawwiet tal-ikel aħjar, filwaqt li jinħoloq suq stabbli għall-produtturi lokali.

# Monitoraġġ u governanza tajba

## 58. Bord nazzjonali għall-ikel, l-ilma, il-biedja u s-sajd

Insaħħu l-Bord li jiġbor flimkien lill-produtturi, is-sajjieda, ix-xjenzati, il-koperattivi, il-konsumaturi u l-awtoritajiet. Dan jissorvelja l-implimentazzjoni, jagħti pariri lill-Gvern u jiżgura li l-politika ma tibqax maqsuma f'kompartimenti bejn ministeri u dipartimenti.

## 59. Pjattaforma pubblika b'indikaturi tas-sigurtà tal-ikel u tal-ilma

Niżviluppaw pjattaforma diġitali nazzjonali li tiġbor u tippubblika indikaturi ewlenin dwar is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma, biex ittejjeb it-trasparenza u tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza. Il-pjattaforma tintegra data mingħand entitajiet rilevanti, tipprovdi dashboards aġġornati u sistema ta' twissijiet bikrija.

## 60. Uffiċċju wieħed għal assistenza dwar il-fondi u l-permessi

Fi żmien sena nnaqqsu l-piż amministrattiv, speċjalment minn fuq l-operaturi żgħar, u nagħmlu l-Gvern sieħeb li jwieżen lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda huma u jistinkaw biex jiksbu xi fondi, permessi u taħriġ.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek